MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 327/2004

**Pieter Bregman u Maria Teresa Bregman-Borg**

**vs**

**S. Mifsud & Sons Limited (C341)**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata thallas lill-atturi is-somma ta' Lm1,660 (elf sitt mija u sittin lira), jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rappresentanti danni minnhom sofferti, in konnessjoni mal-merkanzija li waslet Malta fis-16 ta' Gunju 2003. Bl-imghax mis-16 ta' Gunju 2003 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Dicembru 2003, 30 ta' Jannar 2004, 21 ta' Mejju 2004 u 2 ta' Gunju 2005 u b'rizerva ta' kwalsiasi dritt iehor spettanti lil-atturi, kontra s-socjeta

konvenuta li minn issa tibqa ngunta ghas-subizzjoni taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li eccepiet hekk:

1. Illi l-ammont mitlub mhix dovut minnha;
2. Illi kwalsiasi responsabilita’ ghad-danni allegatament sofferti mil-atturi hija ta’ John Ripard & Son (Shipping) Limited u tas-socjeta’ estera Copex I.G.S. BV li l-agent taghha hawn Malta huwa l-istess John Ripard & Son (Shipping) Limited, li ghaldaqstant ghandhom jigu kjamati in kawza;
3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat ir-rikors tas-socjeta’ konvenuta tat-13 ta’ Lulju 2004 fejn talbet illi l-avviz 329/04M fl-ismijiet S. Mifsud & ons Limited (C341) kontra John Ripard & Son (Shipping) Limited f’ismu proprju u bhala agent ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ estera Copex I.G.S. BV, jitressaq quddiem din il-Qorti u li din il-kawza kif ukoll din in dizamina jinstemghu flimkien;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta’ Awissu 2004 fejn cahdet l-istess talba;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza, l-atturi kienu inkarigaw lis-socjeta’ konvenuta sabiex titrasporta merkanzija konsistenti f’ghamara mill-Olanda lejn Malta u dan permezz ta’ “Full Load Container”. L-atturi kellhom relazzjoni twila mas-socjeta’ konvenuta fin-negozju taghhom izda dawn kienu effetti personali u qatt ma kellhom problemi mal-konvenuti. Is-socjeta’ konvenuta hejjiet stima kif jidher fid Dok PB3 ghall-garr tal-ghamara permezz ta’ 20’ FCL. Minkejja dan, l-ghamara waslet Malta permezz ta’ “groupage container” u waslet b’diversi hsarat u

nuqqasijiet kif elenkat fis-survey report Dok DS1 u l-prospett Dok PB7. Minkejja li din l-ghamara kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni, dok PB5, l-assikurazzjoni ezonorat lilha nnifisha minn kull responsabilita peress illi l-ghamara kellha tingieb FCL meta fil-fatt kienet trasportata groupage.

Illi in linea mal-insenjament tal-Qrati taghna, l-obligazzjoni kontrattwali f'dan il-kaz hija bejn l-atturi u s-socjeta' konvenuta. Fis-sentenza fl-ismijiet **Benjamin Bonnici noe vs Francis Vella et noe (Citaz Nru 1083/92 JF deciza fit-30 t'Ottubru 2000)**, il-Qorti qalet hekk:

**"Illi mill-provi jirrizulta kjaramnt li r-rabta kontrattwali kienet bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta. Kull sub-appalt iehor raggunt bejn il-konvenuti nomine u t-terz, minghajr ebda partecipazzjoni jew intromissjoni da parte tas-socjeta' attrici, m'ghandux ikun ta' impediment ghat-talbiet attrici fil-konfront tas-socejta' konvenuta naxxenti mill-ftehim tal-garr milhuq bejnithom. Is-socjeta' attrici ma kellha qatt xi rapport guridiku mat-terz. Is-socjeta' attrici naqset milli twassal il-merkanzija tal-attur... kif kienet tenuta li taghmel..."**

Issa fil-kaz in dizamina s-socjeta' konvenuta tikkonferma illi l-atturi kienu ipprenotaw Full Load Container Shipment maghhom (ara deposizzjoni ta' Dione Buhagiar a fol 41 u ta' Simon Mifsud a fol 89 u 90). Is-socjeta' konvenuta ipprocessat din l-ordni billi qabdet lil terzi biex taghmel l-arrangament mehtiega izda it-terz ma kienx mexa mal-istruzzjonijiet tas-socejta' konvenuta. Dan ix-xhud ikkonferma ukoll illi l-atturi ma kienux jafu li kien hemm arrangament bejn is-socjeta' konvenuta u terzi ghal garr tal-ghamara. Gara illi t-terz, u cioe, s-socjeta' J Ripard & Son Shipping Ltd kienet irceviet struzzjonijet cari minghand il-konvenuti sabiex igorru l-ghamara fuq bazi FCL izda l-agenti ta' Ripard u cioe COPEX, deherilhom illi din ma kienitx decizzjoni tajba u ddecidew jibaghtu l-ghamara fi groupage. B'hekk is-socjeta' konvenuta qed tghid illi hi ma kelliex kontroll fuq in-nuqqasijiet li sehhew.

Illi minkejja dan, u dejjem skond l-insenjament tal-Qrati taghna, fl-ebda mument ma jirrizulta illi l-atturi taw il-kunsens taghhom jew kienu b'xi mod jafu illi l-konvenuti kienu ser jiddelegaw l-obbligi taghhom lill-terzi. "***Kull ftehim ghalih kien 'res inter alios acta' u n-norma applikabbli f'kaz bhal dan hija dik li 'pacta tertiis nec presunt nec nocent'*** (ara sentenza fuq citata). Minn hawn tohrog ukoll l-ezenzzjoni tad-danneggjat, ossia l-atturi f'dan il-kaz, li jinvestigaw u jipprocedu kontra kull terz jew sub-appaltatur li seta kien involut fil-garr tal-ghamara minghajr il-kunsens jew konsapevolezza taghhom;

Ghalhekk kwantu responsabilita da parti tas-socjeta' konvenuta, din il-Qorti ser tghaddi biex tiddikjara l-istess bhala kontrattwalment responsabbli mir-relazzjoni naxxenti bejnha u bejn l-atturi.

Illi kwantu ghad-danni sofferti, l-atturi ddikjaraw illi sofrew hsara fl-ammont ta' Lm1660.00. L-istess atturi iddikjaraw illi huma ma hallsux lis-socjeta' konvenuta ghas-servizzi taghha (u prezumibilment ghall-assikurazzjoni ta' FCL) u li din fethet proceduri kontra l-atturi ghal dan il-ghan. Jirrizulta ukoll illi l-atturi qed jghidu illi l-ghamara dannegjata m'hi ta' ebda uzu ghalihom. Din l-ghamara hija kif deskritta fil-prospett Dok PB7 u s-survey report DS1.

Illi l-atturi xtraw l-ghamara fl-ammont ta' Euro 4148.00 (ara Dok PB1) li jekkwivali ghall-ammont pretiz mill-istess atturi eccetto kull dazju, VAT u spejjez ghall-garr tal-istess li kienu ghadhom ma hallsux sad-data tal-avviz u li jidher li huma dovuti lis-socjeta' konvenuta. B'hekk jirrizulta illi d-danni attwali sofferti mill-atturi jammontaw ghal-prezz li nefqu biex xtraw din l-ghamara u la darba ma hallsu xejn aktar in konnessjoni mal-istess, ma tista' tittiehed in konsiderazzjoni ebda somma ohra.

Ghal dawn il-mottivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici billi tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' Lm1660, tikkundanna lis-socjeta thallas lill-atturi din is-somma, bid-dritt li s-socjeta' konvenuta tinghata l-merkanzija mertu tal-

kawza, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta komprizi dawk indikati fl-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------